MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 238/2003

**Avviz numru 238/2003DM**

**Philomeno Pace ezercenti l-kummerc taht l-isem "GUYS Soffits & Aluminium"**

**Vs**

**Maria Assunta sive Mary Dingli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2942), bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti l-prezz ta' xoghol ta' bibien u aperturi, dwal, soffitti, gupsum wall lining u materjal iehor, u stallazzjoni tad-dawl u l-ilma, maghmul u mqieghed fuq inkarigu taghha u lilha ikkonsenjat, flimkien ma' l-imghaxijiet relativi kkalkolati sa llum tnejn (2) ta' Mejju 2003.

Bl-imghaxijiet legali ulterjuri mill-lum u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' April 2003, kontra l-konvenuta li giet imharka ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tirrispondi ghat-talba tal-attur u lanqas ma dehret fis-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2942) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 ta' Mejju tas-sena 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------